## IL-ĠEMEL

*Sejħulek: "Ġemel",*
*u donnhom stagħġbu bik!*
*Rawk hekk sabiħ*
*li minn fuq ismek ħarġu*
*il-kelma "ġmiel".*
*U sirt qisek sultan*
*ta' kull sbuħija.*

*Hemm int!*
*Għaddej b'pass tqil*
*donnok għadek kemm qomt minn marda twila.*
*Fuq dahrek għandek*
*ħotba li ġġib il-bard*
*f'kull min jaraha.*
*U rasek*
*kbira, daqsiex;*
*u hi hekk tqila*
*li għonqok,*
*mislut u twil,*
*ma jiflaħhiex.*
*U int Missier il-Ġmiel!*

*Haġ' għandek tajba,*
*u din tagħmlek sabiħ:*
*inti sultan il-waħx*
*ta' ġod-deżert!*
*Int tgħix fejn hemm il-għatx,*
*fejn tikwi x-xemx.*
*Hliefek,*
*fis-saltna tiegħek,*
*bhima oħra ma tgħammarx.*

*Inti sabiħ tassew:*
*għax inti ħaj*
*fejn ħajja mhemmx.*

Valletta – 27.xii.68 PATRI DWARDU FENECH

## RADD IL-HAJR

*Mulejja, niżżik ħajr*
*talli ħallejtni*
*naqdef għal rasi,*
*u bekk ħassejtni sirt*

*raġel magħmul*
*sakemm il-baħar tqalla'*
*u resqet lejja*
*il-mewt b'idejha kiesħa biex tgħannaqni*
*u tibqa' nieżla bija*
*ġo qiegħ il-baħar.*
*Għall-ewwel xejn ma bsart x'kien lest għalija*
*u fraħt meta ħassejt*
*il-kesħa m'għonqi*
*u ma' spallejja*
*tberridli n-nirien kbar li kelli fija.*
*Imma fl-aħħar għodost*
*u kont qed nifga,*
*għax int, Mulej, staħbejtli.*
*U rajtha l-Mewt*
*mhux darba u tnejn*
*tiftaħ dirgħajha biex tħaddanni magħha*
*u titfa' l-bews qarrieq.*

*Mulejja, nizzik ħajr*
*talli tbissimtli*
*kif jiena ftakart fik xħin kont taħt l-ilma,*
*u ndimt*
*milli għamilt,*
*għaliex fik rajt*
*il-Missier twajjeb*
*li jitbissem*
*meta*
*jilmaħ lil ibnu jiġbed sebgħu bl-herra*
*minn fuq ix-xemgħa taqbad.*

*Mulejja, nizzik ħajr*
*talli,*
*wara li nqastek,*
*għarraftni l-kobor tal-Imħabba tiegħek:*
*int tħobb bla kliem*
*lil min jagħmel is-sewwa;*
*u 'l min*
*jaħbat iħottlok dak li tajjeb hu,*
*terfgħu minn qiegħ il-wied,*
*u tiġbdu lejk*
*bi ftit tbissim.*

Valletta – 26.xii.68

PATRI DWARDU FENECH